# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

Mejju 2025

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **sabiex ix-xogħol jagħti sodisfazzjon sħiħ lil kull persuna, isostni bid-dinjità lill-familji, ħalli jkollna soċjetà aktar umana.**

**Ninġabar:**
Nisma' *Eroe* (Storia di Luigi Delle Bicocche), kanzunetta ta' Caparezza, u nġib quddiem għajnejja dawk kollha li huma abbużati fuq ix-xogħol, dawk li għandhom xogħol prekarju, li m'humiex rispettati u dawk li għandhom xogħol ta' periklu.

**Fatt ċkejken:**
"Ejja ċaqlaq, kemm int għażżiena! U dak tgħidlu toilet nadif? Erġa' agħmlu u agħmlu sew. U mbagħad ġibli x'niekol, u lesti lit-tfal biex joħorġu. Ara li l-karozza tkun maħsula qabel ma titfa' l-ħwejjeġ fil-washing machine. Mela mhux qed tismagħha tibki t-tarbija? Mur ara x'għandha."



Maricar ħarġet tiġri mill-kamra. Hekk qiegħda tgħix il-jiem kollha ta' ħajjitha, minn faċenda għal oħra, bis-sinjura tgħajjat magħha, meta wkoll ma terfgħax idha fuqha. Tqum fl-erbgħa ta' filgħodu ħalli kollox ikun lest qabel ma jqumu s-sinjura u l-familja tagħha, imma dawn qatt m'huma kuntenti, għalihom qatt ma jkun biżżejjed. Is-sinjura dejjem kienet issib xi ħaġa fuqhiex taqbad. U Maricar tibqa' għaddejja sa nofs il-lejl. Imbagħad ikollha ftit ħin ta' mistrieħ fuq saqqu fil-kantina, għax hemm tawha fejn torqod, wara li tkun kielet it-tilqit li jħallu warajhom.

Madankollu, kull meta Maricar tħares lejn ir-ritratt ta' binha, issib faraġ kbir. Ħalliet pajjiżha sabiex taqla' biżżejjed flus ħalli tkun tista' tħallas għall-edukazzjoni tat-tifel tagħha. Din hija il-missjoni ta' ħajjitha. Hi lesta għal kollox sabiex binha jkollu ħajja aħjar milli kellha hi.

**Naħseb ftit:**
B'liema mod ix-xogħol ta' Maricar hu nieqes mid-dinjità u l-umanità? Naf lil xi ħadd li neżżgħulu ġieħu kollu? Kif inħossni dwar dan? Kif kienet tkun differenti l-ħajja ta' Maricar, kieku s-sinjura tagħha kienet timxi magħha ta' nies?

**Nitlob:**
Missier qaddis, nitolbu għal uliedek abbużati fuq ix-xogħol, għal dawk li huma meqjusin bħala oġġetti u mhux bħala bnedmin. Għinhom jagħrfu li għandhom dinjità għaliex huma umani, u għaliex huma wliedek. Rattab il-qalb ta' kull min iħaddem sabiex juru rispett lejn il-ħaddiema tagħhom.

**Kliem ta' dawl:**
Ix-xogħol hu iktar minn mezz biex naqilgħu l-għixien, għalkemm dan hu essenzjali. Ix-xogħol huwa fundamentali għad-dinjità tal-bniedem, jagħtina l-valur ta' nies utli, ħielsa u indipendenti.
*William J Clinton*

**X'nista' nagħmel:**
Matul dan ix-xahar naqra il-ktieb *Songbirds* ta' Christy Lefteri, u nirrifletti fuqu.

Nuri rispett lejn il-ħaddiema li niltaqa' magħhom, bħal wejters u dawk li jwassluli l-affarijiet li nordna. Infittex li nitkellem magħhom u nurihom interess f'ħajjithom u f'dak kollu li jinkwethom.